MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 913/1999/1

**Godwin Vella, f'ismu propju u ghal Steel Studio**

**Vs**

**Peak Leisure Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta li s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lill-attur pro et noe, s-somma ta' elf mitejn u sitta u sebghin liri Maltin (Lm1,276), bilanc ta' somma akbar dovuta ghal xoghol ta' hadid ghal tarag, bar stools u bar tables ghall-Empire Nightclub, skond il-prospett Dok. B, flimkien mall-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv hlas, liema dejn huwa cert, likwidu u skadut;

Premess illi fil-fehma tal-attur pro. et noe., is-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont dovut;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-attur pro. et noe. is-somma ta' elf mitejn u sitta u sebghin liri Maltin (Lm1,276), bilanc ta' somma akbar dovuta ghal xoghol ta' hadid ghal tarag, bar stools u bar tables li ghamel l-attur ghall-**Empire Nightclub**, flimkien ma l-imghax mid-data tal-konsenja sal-effettiv hlas.

Bl-ispejjez , komprizi dawk tal-ittra ufficjali.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 16 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet** tas-socjeta' konvenuta a fol. 15 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi in kwantu ghal sitt mija u tnax-il lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm612.36) dawn huma ammessi tant li l-eccipjent kien baghat cekk lill-atturi datat 7 ta' Ottubru 1998 (Dok.A).

2. Illi l-bilanc m'huwiex dovut stante li x-xoghlijiet maghmula mis-socjeta' attrici ma sarux skond is-sengha u l-arti, liema nuqqas ikkaguna hsara fil-proprjeta' ta' l-eccipjenti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat **il-kontrotalba tal-konvenut** a fol 17 fejn talab li l-Qorti:

1. Tiddikjara li l-*bar stools* li saru mill-atturi ma sarux skond is-sengha u l-arti u l-atturi huma responsabbli ghad-danni kkagunati fil-fond **Empire Discotheque and Nightclub** minhabba dana n-nuqqas da parti ta' l-atturi.

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta konvenuta jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-atturi jhallsu dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Ghal dina l-kontrotalba ma sarux eccezzjonijiet.

Rat id-digriet a fol 39 li bih gie nominat il-Perit Albert Fenech;

Rat ir-relazzjoni tal-imsemmi perit a fol 69;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**Relazzjoni tal-perit tekniku**

Mill-ammont mitlub mill-attur, il-konvenut qed jammetti li huma ghandu jaghti Lm6,12.36 biss u dana stante li hu sofra hsara ammontanti ghall Lm6,63.64 minhabba xoghol hazin li sar mill-attur minhabba s-*sharp edge* tad-dahar ta' l-istools li barxu l-*cladding* ta' mal-hajt.

Il-Perit tekniku kkonkluda li l-hsara fil-*panelling* ta' mal-hajt tal-post kienet primarjament dovuta ghad-disinn inadegwat tad-dahar ta' l-istools, partikolarment ghaliex id-disinn originali tas-socjeta’ konvenuta, li gie segwiet mill-

attur ghall-ewwel lott ta' *stools* li kien ordnat jaghmel, mhux biss kien jinkorpora *'upholstered backrest'* ta' l-injam li bdiet tinqasam bl-uzu, izda wkoll kanna vertikali, li maghha kienet twahhlet il-*'backrest'*, b'mod li t-tarf tal-kanna vertikali ta' l-istainless steel kienet tisporgi fuq wara tal-*'backrest'* bi *plug* jew tapp tal-*plastic*.

Irrizulta li fejn kien hemm dal-punt sporgut tad-dahar ta' l-istool, wara l-*'backrest'*, ix-xoghol ma sarx irfinut bizzejjed, u meta l-istools kienu jitqeghdu jhokku mal-hitan, biz-zghazagh jiccaqilqu fuqhom, kien jinbarax il-*panelling* ta' mal-hitan.

Fil-fatt l-istools, kif kienu disinjati ma kienux adegwati biex jitqeghdu jhokku ma' hitan, partikolarment meta fid-disinn taghhom, jew tal-*panelling* ta' mal-hitan ma giex provdut element protettiv.

L-attur kien inkarigat jaghmel l-istools fuq id-disinn ipprovdut mis-socjeta' konvenuta u ma giex pruvat li dan ma giex segwit u l-attur mhux responsabbli ghal mod kif intuzaw l-istools.

In-nuqqas ta' rfinar bil-mod kif insadd tarf il-kanna vertikali ta' l-*istainless steel*, li maghha kien imwahhal il-*'backrest'* ta' l-injam tapizzat, kien jikkostitwixxi l-uniku nuqqas li seta' kkontribwixxa ghall-aggravar tal-briex li dwaru sar l-ilment.

Il-Perit ghalhekk ikkonkluda li l-attur ghandu jbati biss 20% ta' Lm663.64 li s-socjeta' konvenuta arbitrarjament riedet izzomm lill-attur mill-bilanc ta' Lm1,276. li kien dovut lilu. Ghalhekk is-socjeta' konvenut ghandha thallas lill-attur is-somma ta' Lm1,143.27.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **Bonnett vs Lewis** App deciza fl 1 ta' Marzu 1994 : "Il-Qorti ma tissostiwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tat-tekniku, sakemm ma jigux indikati lilha oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz tali li jinducuha li taghmel dan."

Opinjoni teknika, bhal kull prova fl-att, sakemm ma tigix skossa minn prova ohra kuntrarja, attendibbili u kredibbili, tifforma l-bazi tal-gudizzju tal-Qorti. Il-Qorti ghandha mano libera li taccetta jew tirrifjuta opinjoni teknika lilha sottomessa mill-perit tekniku. Bhal kull prova ohra tista' tigi skartata mill-Qorti. Dan pero' mhux leggerment jew kapriccjosament imma biss jekk tirrizulta raguni valida fl-atti. Kien ghalhekk ukoll li l-ligi tipprovvdi ghan-nomina ta' periti addizzjonali biex ikun hemm mezz ta' verifika ta' l-opinjoni teknika li l-ewwel perit ikun issottometta (Ara Sentenza App **Camilleri vs Debattista** 9/2/2001).

Il-partijiet irrimettew ruhhom ghall-konkluzzjonijiet tal-Perit tekniku u ma gabu ebda ragunijiet ghall l-Qorti ghandha tiddipartixxi mill-konkluzzjonijiet tieghu.

Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, u wara li rat ir-rapport tal-Perit nominat, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet maghmulin mill-perit, kif ukoll il-konkluzzjonijiet minnu raggjunti huma gusti u korretti u hija tikkondividihom u taghimillhom taghha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi

Tilqa' t-talba attrici kif fuq spjegat,

Tilqa' l-kontrotalba tal-konvenut limitatament ghas-somma ta' Lm132.73;

U tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-attur pro. et noe. is-somma ta' Lm1,143.27), bilanc ta' somma akbar dovuta ghal xoghol ta' hadid ghal tarag, bar stools u bar tables li ghamel l-attur ghall-Empire Nightclub,

Bl-imghax mid-data tas-sentenza;

Bl-ispejjez kwantu ghall 1/10 ghall attur u 9/10 ghall konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------